MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 419/2007

Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali
vs
Gorg u Mary konjugi Mifsud

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tad-Direttur, Qrati u Tribunali li bih espona:

Illi permezz ta’ sentenza fl-ismijiet **Raymond Vella et -vs- Gorg Mifsud et** moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta’ Gunju, 2003 [diversament presjeduta] il-konvenuti kienu gew ipprojbiti milli b’xi mod jaccedu, jew ippermettew lil min jaccedi, fuq il-bejt tal-kamra li l-istess konvenuti kkostruwew fil-bitha taghhom cioe` fil-fond ‘St. Mary House’, Triq Barth, Hamrun, salv biss ghal htigijiet ta’ manutenzjoni ta’ l-istess bejt skond il-modalita` rakkomandata mill-perit tekniku. Il-konvenuti gew ukoll ordnati li jnehhu jl-***wiring*** cirkondanti l-bejt tal-kamra u li jaghmlu xogholijiet neccessarji kif propost mill-espert tal-

Qorti fir-relazzjoni tieghu. L-istess konvenuti gew ukoll ordnati jipprestinaw id-***drains*** ghall-istat ***quo ante*** x-xogholijiet li ghamlu fejn interrompew is-sistema tad-drenagg ta' l-ilma tal-bejt ta' l-atturi minn kif kienet u dawruha biex tmur fid-drenagg ta' l-ilma mahrug.

Illi nonostante l-ordnijiet lilhom mghotija min din il-Qorti permezz ta' l-imsemmija sentenza, il-konvenuti xorta wahda baqghu jaccedu ghal tali bejt u, di piu`, bdew jaghmlu xogholijiet ta' kostruzzjoni fuq il-bejt ta' l-imsemmija kamra minnhom kostruwita fit-bitha taghhom b'mod illi t-tieqa tal-kamra tal-banju tal-atturi giet maghluqa b'mod li ma tistax tkompli tircievi d-dawl u l-arja kif kienet precedentement.

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fl-14 ta' Gunju 2004 l-isemmijin Raymond u Marija konjugi Vella gabu ghal konjizzjoni ta' dina l-Qorti dana kollu u talbu li din l-Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimati proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita` taghha ai termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12;

Illi b'digriet tat-22 ta' Lulju 2004 din il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrent (Dokument );

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Issib lill-intimati Gorg u Mary Mifsud hatja ta' disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimati ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li gew ingunti in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li biha esponew:

1. Illi l-pretensjoni rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-intimati dejjem zammew ma’ l-ordnijiet tal-Qorti.

2. Illi l-intimati jecepixxu li huma bla ebda mod ma jistghu jinstabu hatja ta’ disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti stante li dik is-sentenza in kwistjoni tirreferi li l-intimati gew inibiti milli jaccedu ghal fuq il-bejt taghhom salv ghal skopijiet ta’ manutenzjoni haga li l-intimati qatt m’ghamlu ghaliex huma dejjem zammew ma’ l-ordni tal-Qorti stante li huma se jibqghu jitilghu fuq il-bejt biss ghal skopijiet ta’ manutenzjoni u xejn aktar. Ghalhekk bl-agir taghhom huma bla ebda mod ma iddisturbaw dak li gie deciz f’tali sentenza tal-Qorti anzi inzamm l-‘***istaus quo***’ min-naha taghhom.

3. Illi inoltre l-intimati jirrilevaw illi huma lanqas biss jitilghu fuq din il-kamra stante li dina attwalment tinsab bla saqaf ghaliex fil-fatt gew inibiti mir-rikorrent milli jkomplu jikkostruwixxu din il-kamra u dana permezz tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 993/2004 u dana nonostante li huma ghandhom il-permessi kollha relattivi mill-awtoritajiet kompetenti.

4. Illi l-intimati jirrilevaw illi tant huma ma kisru l-ebda ordni tal-Qorti, illi r-rikorrenti fis-sentenza esbita mar-rikors mahluf promutur ressqu kawza ohra li ghadha ***sub judice***. Kienu r-rikorrenti f’dik il-kawza kienu konvinti li l-intimati Mifsud kisru l-ordni moghtija minn din il-Qorti fis-sentenza taghha ma kinux jipprocedu b’citazzjoni wkoll. Ghalhekk l-intimati m’ghandhomx jinstabu hajta ta’ disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.

Rat il-lista ta’ xhieda li prezentata mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Gunju, 2003.

Rat ir-rikors tal-konjugi Vella.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Lulju, 2004.

Rat illi gie nominat il-Perit Godwin Abela li zamm tliet seduti. Rat illi l-Perit Abela irritorna l-process stante l-verbal tal-ahhar seduta. Minn dan jirrizulta li l-intimat ammetta t-talbiet attrici b'dan li irrileva ulterjorment li hu ma agixxiex bl-ebda mod bl-intenzjoni li jikkommetti disprezz lejn il-Qorti u jmur kontra ordni taghha ghaliex fil-fatt hu kien taht impressjoni li la kien hareg il-permess mill-MEPA hu seta' jipprocedi bil-binja. L-intimat skuza ruhu ghall-agir tieghu u talab ghall-klemenza tal-Qorti.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Fis-sentenza tal-Prim'Awla (Onor. Imh. Dr. Geoffrey Valenzia) tad-29 ta' Ottubru, 2007 fl-ismijiet **Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali vs Joseph Tonna** inghad li proceduri ghal disprezz huma proceduri specjali u partikolari u jikkoncernaw l-amministrazzjoni tal-gustizzja b'mod generali u li ghalhekk isiru fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Fil-proceduri ta' dan it-tip, ir-Registratur ghandu jibda - kif jigi ordnat mill-Qorti - il-procedimenti mehtiega ghal disprezz u f'tali proceduri l-istess Direttur (ghalkemm ordnat) ghandu jitqies bhala attur.

Huwa r-Registratur li ghandu jibda l-procedimenti mehtiega kif jigi ordnat mill-Qorti (Appell Civili Inferjuri (Onor. Imh. Dr. Said Pullicino) tat-12 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet **Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali vs Salvu Psaila)**

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (Magistrat Dr. Anthony Ellul) fit-12

ta' Gunju 2007 fil-kawza 108/2006 fl-ismijiet **Ir-Registratur tal-Qorti (Ghawdex) vs Teddy sive Guda Taddeus Grima**, il-Qorti b'riferenza ghall-kwistjonijiet ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti ikkonfermat li ordni ta' Qorti tista' tigi biss ineffettiva b'ordni iehor kuntrarju ta' dik il-Qorti jew ta' Qorti ohra u sakemm dan isir hu l-obbligu ta' min ikun hekk gie hekk ordnat li jagixxi skond din l-ordni taht piena fin-nuqqas ta' disprezz lejn l-awtorita` taghha.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Registratur tal-Qrati Superjuri vs Paul Zammit et** deciza fl-14 ta' Novembru 2000 – Prim'Awla (Onor. Imh. Dr. Raymond C. Pace) inghad li a favur il-konvenuti jinghad li fl-ebda mument ma kienet uzata xi vjolenza, ghalkemm l-ostakolu kien xorta effettiv sa dakinhar u di piu` jirrizulta li sussegwentement l-istess mandat ta' deskrizzjoni gie esegwit bil-kwiet u l-konvenuti ikkolloboraw ma' l-istess Marixxal. Illi pero` dan ma jfissirx li tali atti ta' disprezz ma sarx, izda l-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni ta' l-istess meta tigi sabiex tistabbilixxi l-piena ghall-istess. U fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Qorti vs John Micallef** tat-30 ta' Settembru 1983 **(**LXV11-1-11-115) inghad li l-Qorti ghandha kull setgha biex twettaq il-harsien ghall-mandati taghha u tesigi rispett lejn l-ufficcjali taghha. Ir-rispett ghandu jissussisti kemm fil-konfront taghha kif ukoll fir-riward ta' l-operat esklussiv taghha. Meta dak li jinsab hati ta' disprezz joffri l-iskuza inkondizzjonata tieghu ghalkemm dan ma jnehhix ir-responsabilita` ta' l-imharrek jista' jaghti lok ghall-attenwazzjoni tal-piena inflitta. U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Qorti vs George Galea** Appell Civili Superjuri – 14 ta' Marzu 1988 - LXXII-I-II-226 inghad li dak li ghamel il-konvenut jikkostitwixxi att kontra l-ligi u jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex jinzamm il-buon ordni fis-socjeta` hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti. F'dak il-kaz il-konvenut talab skuza. Pero` hija gurisprudenza kostanti li ghalkemm il-htija tibqa' t-talba ghal xi skuza tista' timmitiga l-htija ta' min jikkommetti atti ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.

Diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea kienu jsemmi li proceduri ghad-disprezz tal-Qorti ma kinux suggetti ghar-regoli normali li hadd ma jista' jitlef il-liberta` jekk mhux ghax jinstab hati fuq offiza. Il-proceduri ghad-disprezz ma kinux ta' natura kriminali izda jikkostitwixxu esercizju ta' poteri dixxiplinari mill-Qrati. (Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) Onor. Imh. Dr. G. Camilleri fl-20 ta' Gunju 2003 **Ignatius Busuttil vs Avukat Generali**)

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li l-eccezzjonijiet gew irtirati u t-talbiet attrici ammessi u li ntalbet skuza kif ukoll il-klemenza tal-Qorti.

Issib lill-intimati Gorg u Mary Mifsud hatja ta' disprezz ghall-awtorita` taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12; u

Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimati ghall-Ammonizzjoni u Reprensjoni.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------